# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2025.**

**Numru 10**

**Rikors numru 5/2021/1 JPG**

**A B C[1] (KI -omissis-) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri D B**

**v.**

**E B (KI -omissis-)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenut E B, minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-22 ta' Mejju, 2024,

[1] L-attriċi hija wkoll indikata bħala A B C fl-atti tal-kawża.

li biha ċaħdet it-talbiet tal-istess konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti skont l-**Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.**

**Daħla**

2. Il-partijiet huma miżżewġin u għaddejjin minn proċeduri ta' firda personali.

3. Mal-mixi ta' dawk il-proċeduri, u sewwasew fit-2 ta' Novembru, 2021, il-konvenut E B ressaq rikors li fih stqarr kif huwa u l-attriċi ilhom ma jgħixu flimkien għal sentejn u li r-relazzjoni miżżewġa ta' bejniethom tkissret b'tali mod li ma hemmx tama raġonevoli li tista' tiġi msewwija.

4. Kompla jfisser li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom m'għandhiex assi jew djun eċċezzjonali u billi kemm hu, kif ukoll l-attriċi għandhom impjieg fiss, il-konvenut sostna li l-waqfien tal-istess komunjoni mhux talli mhuwiex sejjer ikun qiegħed joħloq xi preġudizzju sproporzjonat għall-partijiet kif imfisser fis-**subinċiż 4 tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili**, anzi sejjer ikun ta' benefiċċju għalihom it-tnejn, għaliex huma mhux biss sejrin ikunu jistgħu jwettqu l-atti tal-ħajja ċivili mingħajr il-kunsens ta' xulxin, iżda wkoll sejrin jinħelsu mir-responsabbiltà għal dak id-dejn li kull parti jogħġobha tidħol għalih.

5. Kemm minħabba f'hekk, kif ukoll għaliex huwa qiegħed iqis li l-għan wara l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnu u bejn martu spiċċa, il-konvenut E B talab lill-Qorti sabiex:

> *«1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-**Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;*
>
> *2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun komunikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.»*

6. Bi tweġiba mressqa fit-22 ta' Novembru, 2021, l-attriċi tat għadd ta' raġunijiet għalfejn hija ma taqbilx li r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti li hemm fis-seħħ bejnha u bejn il-konvenut E B għandu jitwaqqaf.

7. Fl-ewwel lok, hija fissret li waqt li kien għadha tgħix mal-konvenut, dan kien ipprovda bosta servizzi ta' installazzjoni ta' elettriku u ilma lil ċertu F G li min-naħa tiegħu *«kien ħallas lil E B ta' xogħlu permezz ta' post, u ċjoè permezz ta' -omissis-».* Stqarret li għalkemm hija kienet dehret fuq l-att tal-konvenju flimkien ma' żewġha għat-trasferiment ta' dik il-proprjetà, hija però ma tafx x'ġara minnha, għaliex sadanittant inbdew il-proċeduri ta' firda ta' bejniethom.

8. Fit-tieni lok, l-attriċi qalet li fi żmien li fih hija kien għadha tgħix mal-konvenut, hija kienet daħlet f'konvenju ieħor miegħu u ma' oħrajn għax-xiri ta' proprjetà oħra f'Ħaż-Żabbar. Ilmentat li għalkemm il-flejjes għad-depożitu u l-iżvilupp ta' din il-proprjetà nħarġu mill-komunjoni tal-akkwisti, madankollu hija ma kinitx dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist ta' din il-

proprjetà, għaliex fil-jum li fih sar il-kuntratt finali diġà kienu nbdew il-proċeduri ta' firda personali ta' bejnha u bejn il-konvenut.

9. Kemm għal dawn ir-raġunijiet, kif ukoll fuq l-istqarrija li hija lanqas ma kellha għarfien dwar xi proprjetajiet oħrajn setgħu nkisbu mill-istess konvenut matul iż-żwieġ ta' bejniethom, l-attriċi sostniet, li fiċ-ċirkostanzi, ma kienx il-waqt li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom. Għalqet billi wissiet li f'każ li l-komunjoni sejra tkun qiegħda tintemm, dak il-waqfien sejjer ikun qiegħed iġib fuqha ħsara li mhijiex proporzjonata.

10. B'digriet mogħti fil-15 ta' Marzu, 2022 (f'paġna 8 tal-atti ta' dawn il-proċeduri), l-Ewwel Qorti appuntant ir-rikors ta' E B għas-smigħ, u wara li semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-istess talbiet ta' E B, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-waqfien tal-komunjoni sejra ġġib ħsara mhux proporzjonata fuq l-attriċi u b'hekk għaddiet biex ċaħdet it-talbiet kollha tal-konvenut.

11. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *« Illi din hija sentenza wara talba magħmula mill-intimat E B permezz ta' rikors datat 2 ta' Novembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attriċi u l-konvenut u dan ai termini tal-* ***Artikolu 55 (1) tal-Kodiċi Ċivili****. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:*
>
> > *«Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li*

> *teżisti bejn il-miżżewġin.»*

*Skont **is-subinċiż (2) tal-istess artikolu**, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni għandha tingħata b'sentenza u skont **is-subinċiż (3)** l-ordni tal-waqfien tkun tgħodd minn meta s-sentenza tgħaddi in ġudikat.*

*Illi r-raba' subinċiż tal-istess artikolu mbagħad jipprovdi illi:*

> *«Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.»*

*Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet: **D M v. D P M**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:*

> *«In tema legali jingħad illi l-**Artikolu 55 tal-Kap.16** li fuqha hija bbażata t-talba attriċi jagħti l-fakultà lil parti jew oħra li «f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi…..it-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri «preġudizzju mhux proporzjonat.» Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.»*

*Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri preġudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawża. Għall-kuntrarju, ġie kkunsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jiġi addebitat lill-komunjoni.*

*Fil-kawża fl-ismijiet: **D L sive D L B v. M L** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) intqal:*

> *«...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi għall-futur u mhux għal dawk l-assi li diġà daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attriċi».*

*Illi bħala regola, il-Qorti għandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.*

*Illi fir-risposta tagħha l-attriċi tirrileva illi sakemm kienu għadhom jgħixu flimkien, il-partijiet kienu daħlu f'konvenju għax-xiri ta' appartament, illi però, minn meta bdew il-proċeduri ta' separazzjoni personali, hija ma kellha l-ebda informazzjoni fuq x'gara minn din il-proprjetà.*

*Tagħmel riferenza għall-konvenju fuq propjetà oħra, u għal-liema kuntratt*

*l-attriċi ma kinitx dehret stante li f'dawk iż-żminijiet kienu diġà nbdew proċeduri ta' separazzjoni. Illi ciò nonostante, meta kien sar il-konvenju fuq din l-imsemmija proprjetà, l-partijiet kienu ħarġu għaxra fil-mija (10%) tal-prezz u anke kienu ħarġu ammont ta' flus sabiex l-imsemmi fond jiġi żviluppat. L-attriċi tisħaq ukoll illi l-komunjoni tal-akkwisti hija kompriża mid-dar matrimonjali, u żewġ garaxxijiet u mhux garaxx wieħed, stante li dan it-tieni garaxx inxtara waqt iż-żwieġ.*

*F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza **D L sive D L B v. M L** intqal:*

> *«Fil-fehma tal-Qorti l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti teżamina jekk l-oġġezzjoni jew l-oġġezzjonijiet imressqa humiex oġġettivament rilevanti għall-finijiet stretti tal-**Artikolu 55 subinċiż 4**. F'każ li l-oġġezzjoni tissupera l-ewwel għarbiel jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeċiedi jekk l-oġġezzjoni, oġġettivament rilevanti, hijiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfaċentement illi fl-ewwel lok ser tbati preġudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirriżulta preġudizzju, jekk tali preġudizzju hux proporzjonat jew le.*
>
> *Eżami tal-**Artikolu 55(4)** juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'oppożizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostaklu għall-pronunzja ta' tali sentenza.*
>
> ***Is-subinċiż 4 tal-Artikolu 55** jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat. Dana ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **J C v. R C**.»*

*Din l-Qorti tagħmel tagħha l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi:*

> *«l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li minn jallegah irid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat.» (**D M v. D P M**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2015).*

*In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir riferenza għalihom, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-oġġezzjonijiet sollevati mill-attriċi humiex:*

1. ***Rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u***

2. ***Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tal-intimat għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.***

*Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni jseħħ meta s-sentenza tal-Qorti tgħaddi in ġudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-*

*Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-deċiżjoni dwar il-qasma tal-proprjetà tal-partijiet. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li dak li qed jitlob il-konvenut huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-seħħ, u mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:*

> *«Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqaf il-komunjoni għax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi għall-futur u mhux għal dawk l-assi li diġà daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici» (**D L sive D L B v. M L** [mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015])*

***Ikkunsidrat:***

*Fit-trattazzjoni orali, filwaqt illi l-attriċi ċċitat diversi sentenzi tal-Qrati nostrani, sostniet illi hemm diskrepanza rigward id-dħul kif dikjarat tal-intimat fuq id-dokumentazzjoni relattiva, u d-dħul allegatament attwalment ġenerat. L-attriċi għamlet ukoll riferenza għat-testimonjanza [ta'] H G, Direttur tas-soċjetà JB Property Limited, datur tal-lavur tal-intimat fejn spjega illi bejn is-sena 2016 u 2022, il-pagament għax-xogħol li sar f'dan il-perjodu mill-intimat **'intilef'**, stante li l-appartament li kien ser iservi bħala ħlas għal tali xogħlijiet effettivament ma ġiex trasferit lill-intimat. Dan ix-xogħol prestat mill-intimat kien jikkonsisti f'xogħol ta' plumbing u electricity f'sitta u tletin (36) appartament, f'erbgħa blokok ta' disgħa (9) appartamenti kull blokk. **Infatti, G, iddikjara illi ma akkorda ebda kreditu jew ħlas għax-xogħlijiet magħmula mill-intimat**. Illi għaldaqstant l-attriċi ssostni illi evidentement hija ser issofri preġudizzju sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti in vista ta' dak fuq spjegat.*

*Illi da parti tiegħu l-intimat afferma illi l-attriċi ma indikatx x'inhu l-preġudizzju sproporzjonat li qiegħda tallega li ser issofri jekk din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Żied illi l-biża' tal-attrici illi hemm fondi li ġew moħbija minnha, mhumiex ser ikunu kawtelati billi l-partijiet jinżammu marbutin b'dan ir-reġim matrimonjali li għadu viġenti bejn il-partijiet, iżda billi tagħmel użu mir-rimedji kawtelatorji li l-liġi tpoġġi għad-dispożizzjoni.*

***Huwa fid-dover tal-Qorti li tevalwa bir-reqqa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti jekk xi parti jew l-oħra hux ser ibatu preġudizzju, u jekk dan hux ser jikkwalifika bħala «mhux proporzjonat.»***

*Illi l-inkartament tal-proċeduri odjerni wara ftit iktar minn sentejn, diġà jikkonsisti f'disa' (9) volumi, b'dan illi l-attriċi pproduċiet diversi provi; kemm provi dokumentarji u anke testimonjanzi viva voce ta' rappreżentanti tal-banek u anke l-accountant tal-intimat żewġha. Din il-Qorti rat ukoll illi diġà ġew esibiti dokumentazzjoni relattivi għar-riċerki dwar l-assi immobbli tal-partijiet. Illi din il-Qorti tagħraf illi essenzjalment l-*

*oġġezzjoni tal-attriċi fir-rigward l-waqfien o meno tal-komunjoni tal-akkwisti tirrigwarda d-dħul tal-intimat żewġha bejn il-perjodu 2016 u 2022 li skont l-attriċi ġie mistur minnha mill-intimat u li l-prezzijiet attribwiti mill-intimat għax-xogħlijiet magħmula minnu huma irriżorji. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mill-provi in atti jirrizulta li l-preokkupazzjonijiet tal-attrici huma tali li l-attriċi attwalment ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*Illi tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn magħmula, mill-provi attriċi u mit-testimonjanzi viva voce quddiem din il-Qorti, din il-Qorti jidhrilha li ma jkunx ghaqli, in vista tal-preġudizzju sproporzjonat tal-attriċi, li t-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenut tintlaqa' f'dan l-istadju.*

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tal-konvenut hekk kif dedotti fir-rikors tiegħu tat-2 ta' Novembru 2021.***

***Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.»***

12. Il-konvenut E B appella minn din is-sentenza b'rikors tat-3 ta' Ġunju, 2024, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi appellata.

13. Bi tweġiba mressqa fl-24 ta' Ġunju, 2024, l-attriċi saħqet li l-appell ta' E B tressaq fil-vojt u għalhekk talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tiċħdu u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn.

14. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Il-konvenut E B qiegħed jattakka s-sentenza appellata fuq żewġ binarji.

16. L-ewwel nett, il-konvenut qiegħed jargumenta li s-sentenza appellata ma tiswiex, għaliex skontu hija milquta minn difett fis-sens li ma hemmx rabta loġika bejn il-motivazzjonijiet li ngħataw fil-qafas tagħha, u d-deċiżjoni aħħarija li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti.

17. Fit-tieni lok, E B qiegħed imbagħad jattakka dak ir-raġunament tal-Ewwel Qorti li għalih ċaħdet it-talba tiegħu għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

18. Nibdew bl-**ewwel aggravju** li fih il-konvenut appellant qiegħed iqajjem il-preġudizzjali tan-nullità tas-sentenza appellata.

19. Kif ingħad, f'dan l-aggravju l-konvenut E B qiegħed jargumenta li s-sentenza appellata ma tiswiex għaliex jidhirlu li ma hemmx rabta loġika bejn il-konsiderazzjonijiet li tnizzlu fil-qafas tas-sentenza u d-deċiżjoni aħħarija tal-Qorti.

20. Dwar dan, l-appellant qiegħed ifisser li minkejja fil-qafas tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti rriferiet lejn ġurisprudenza li fiha ngħad kif l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni m'għandhiex effett b'lura, u hija bla ħsara għal dak kollu li jkun daħal fil-komunjoni sal-jum tal-waqfien tagħha, fosthom dawk il-flejjes li parti lanqas biss tkun taf bihom, madankollu, l-Ewwel Qorti xorta waħda ċaħdet it-talba tiegħu għall-waqfien tal-komunjoni, għar-raġuni li skont l-attriċi huwa ħeba minnha parti mid-dħul tiegħu minn ħidmietu.

21. Jirraġuna li l-ġurisprudenza li rriferiet għaliha l-Ewwel Qorti kellha twassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni kuntrarja, u għalhekk jinsisti li ma hemmx koerenza loġika fis-sentenza appellata.

22. Isostni li skont il-ġurisprudenza, dan in-nuqqas ta' koerenza u l-vizzju ta' kontradizzjoni, jwasslu għan-nuqqas ta' element essenzjali għas-siwi ta' dik is-sentenza, u għal dawn ir-raġunijiet jisħaq li s-sentenza appellata hija nulla.

23. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju mhuwiex fejjiedi.

24. Għalkemm huwa kollu minnu li l-vizzju tal-kontradizzjoni jew in-nuqqas ta' rabta loġika, bejn dak li jingħad fil-qafas tas-sentenza, u dak li

jiġi deċiż fid-dispożittiv ta' sentenza, jista' tabilħaqq iwassal għan-nuqqas ta' siwi ta' dik is-sentenza (ara ***P A et v. J E et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar, 2021), din il-Qorti jidhrilha, li f'dan il-każ, is-sentenza appellata mhijiex milquta minn difett ta' din ix-xorta.

25. Minn ħarsa ħafifa lejn il-konsiderazzjonijiet li tniżżlu fis-sentenza appellata, wieħed dlonk jista' jintebaħ li r-raġuni ewlenija li għaliha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, kienet għaliex hija dehrilha, li f'dak l-istadju, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni sejra ġġib preġudizzju mhux proporzjonat fuq l-attriċi.

26. Wara kollox anke l-appellant jidher li fehem dan, għaliex kif sejrin naraw aktar 'il quddiem, fit-tieni aggravju, huwa qiegħed jikkritika dawk il-konsiderazzjonijiet li għalihom l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjoni li l-waqfien tal-komunjoni sejjer ikun qiegħed iġib ħsara mhux proporzjonata fuq l-attriċi.

27. Ġaladarba l-Ewwel Qorti, tajjeb jew ħażin, dehrilha li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda sejjer ikun qiegħed iġib fuq l-attriċi preġudizzju mhux proporzjonat, il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti setgħet tkun biss waħda, jiġifieri dik li tiċħad it-talbiet tal-konvenut.

28. Fis-sewwa, hija l-liġi stess li fir-**raba' subinċiż tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili**, titlob li talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti m'għandhiex tintlaqa' jekk il-Qorti jidhrilha li xi parti tkun sejra ġġarrab preġudizzju mhux proporzjonat b'dak l-istess waqfien (ara b'eżempju ***E sive N C v. A sive A C L*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023, u ***C G v. I G*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar, 2021).

29. Jiġi b'hekk li bil-maqlub għal dak li qiegħed jirraġuna l-appellant, is-sentenza appellata kienet tkun milquta bil-vizzju msemmi minnu, li kieku fil-parti dispożittiva tagħha, l-Ewwel Qorti għaddiet biex laqgħet it-talba għall-waqfien tal-komunjoni u dan minkejja li sa ftit qabel hija dehrilha li tali waqfien sejjer ikun qiegħed iġib preġudizzju sproporzjonat fuq l-attriċi.

30. Id-deċiżjoni li ngħatat fis-sentenza appellata hija għalhekk b'tali mod li ssegwi dak li tniżżel fil-konsiderazzjonijiet ta' dik l-istess sentenza, u għaldaqstant l-ewwel aggravju ta' E B qiegħed jiġi miċħud.

31. Naturalment, b'daqshekk ma jfissirx li r-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa tajjeb. Tassew jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġunijiet tajbin biżżejjed sabiex tasal għall-konklużjoni li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sejjer ikun qiegħed iġib preġudizzju mhux proporzjonat fuq l-attriċi appellata, għad irridu narawh aħna u nistħarrġuh fit-tieni aggravju.

32. Kif qegħdin ngħidu, fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-konvenut E B qiegħed jattakka dawk il-konsiderazzjonijiet li għalihom l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjoni li l-waqfien tal-komunjoni sejjer ikun qiegħed iġib preġudizzju sproporzjonat fuq l-attriċi.

33. F'dan ir-rigward, il-konvenut josserva li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni inkwistjoni għaliex l-attriċi qalet li huwa ħeba d-dħul tiegħu minnha, u kien qiegħed jagħti valur *«irriżorju»* għal ħidmietu bħala *electrician* u *plumber* għal rasu.

34. L-appellant qiegħed jikkontesta din il-konklużjoni kemm mil-lenti fattwali kif ukoll min dik legali.

35. Mill-aspett fattwali, huwa jfakkar kif waqt il-kawża tal-firda personali, l-attriċi stess stqarret li hija kienet il-kontabbli tiegħu, u għalhekk jirraġuna li din bilfors kellha viżibbiltà tajba ta' dak kollu li kien qiegħed idaħħal min-negozju. Jirreferi wkoll lejn digriet tal-istess Qorti li fih iffissat l-ammont ta' manteniment li huwa għandu jagħti lill-attriċi, u jgħid li f'dak id-digriet l-Ewwel Qorti osservat kif l-attriċi kienet tabilħaqq tgħinu fiż-żamma tal-kotba tal-kummerċ, tant li *«esibiet l-invoices tad-dħul reali tiegħu»* u *«[g]ħamlet di più rendikont qasir ta' dan id-dħul li jinsab a fol 459, fejn id-dħul tal-intimat huwa wieħed abbastanza għoli.»* F'dan il-kwadru, jistqarr li huwa ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti qagħdet fuq

dawn id-dokumenti biex iffissat l-ammont ta' manteniment, u issa li ġiet biex tiddeċiedi dwar it-talba tal-waqfien tal-komunjoni, warrbithom u kkonkludiet li huwa kien qiegħed jaħbi d-dħul mill-attriċi.

36. Mil-lenti legali, l-appellant qiegħed jisħaq li hemm għadd ġmielu ta' sentenzi, li fihom, il-Qorti tal-Appell, għamlitha ċara li kwistjonijiet dwar jekk parti kinitx qiegħda tiddikjara d-dħul kollu tagħha, ma humiex determinanti sa fejn għandha x'taqsam id-deċiżjoni dwar it-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Sabiex isostni dan, fost sentenzi oħrajn, l-appellant jirreferi lejn is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***D G v B G*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru, 2020, li fiha tfisser kif: *«il-fatt li xi ħadd mill-konjuġi ma jkunx qiegħed jiddikjara l-qligħ kollu, ma jagħmilx differenza jekk għandhiex titħalla jew titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti.»*

37. Jinsisti għalhekk li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kienet sejra ġġib preġudizzju sproporzjonat fuq l-attriċi, għas-sempliċi raġuni li din qiegħda tallega li huwa kien qiegħed jiddikjara dħul ħafna aktar baxx milli fil-fatt kien qiegħed idaħħal, jew inkella li ħeba l-flus minnha.

38. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-attriċi appellata qiegħda tisħaq li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija tajba u għandha tiġi kkonfermata minn

din il-Qorti.

39. Tgħid li skont il-ġurisprudenza, il-Qorti għandha tieħu qies tar-riskju dwar l-użu ta' fondi moħbija tal-komunjoni bil-għan li jsir akkwist wara l-waqfien tal-komunjoni, biex b'hekk dak l-akkwist ma jkunx jifforma parti mill-ġid tal-komunjoni. Iżżid li skont il-ġurisprudenza, il-Qorti għandha tqis ukoll: (i) il-ħabi tal-ġid li jifforma parti mill-komunjoni; (ii) il-qagħda tal-parti konċernata li tikkawtela l-assi li għandha sehem fihom; (iii) id-diffikultà tal-parti konċernata sabiex tagħti prova dwar il-provenjenza ta' flus kontanti; u (iv) il-proporzjonalità tal-preġudizzju mġarrab f'każ tal-waqfien tal-komunjoni.

40. Tfisser li waqt il-ġbir tal-provi ħareġ li l-konvenut E B kien qiegħed jiddikjara dħul ferm inqas baxx minn dak li fil-verità kien qiegħed idaħħal, u saħansitra tilef proprjetà mwiegħda lilu li biha kellu jitħallas għal tliet snin xogħol, u baqa' ma tħallasx ta' dak ix-xogħol. Tirreferi wkoll għal diskrepanzi li tgħid li hemm fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-konvenut.

41. Skont l-attriċi appellata, dawn il-fatti kollha, jikkonfermaw kif il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, hija siewja, loġika u ġusta.

42. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa mistħoqq.

43. Jibda billi jingħad li l-konvenut appellant għandu raġun jisħaq li l-kwistjonijiet dwar jekk xi parti mill-miżżewġin tkunx qiegħda tiddikjara l-qligħ kollu li tkun qiegħda tikseb minn ħidmietha jew inkella tkunx qiegħda żżomm xi fondi bil-moħbi tal-parti l-oħra fiż-żwieġ, mhumiex raġunijiet li jistgħu jitqiesu bħala oġġettivament rilevanti għall-għanijiet tal-istħarriġ li għandu jitwettaq fit-termini **tar-raba' subinċiż tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili**.

44. Tassew, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li anke jekk parti fiż-żwieġ jirnexxilha saħansitra tipprova li l-parti l-oħra tkun tabilħaqq ħbiet xi biċċa mid-dħul tagħha minnha, din ir-raġuni, fiha nfisha, mhijiex biżżejjed biex twassal lill-Qorti għall-konklużjoni li l-waqfien tal-komunjoni sejjer ikun qiegħed iġib xi preġudizzju sproporzjonat fuq dik il-parti li jkun inħeba minnha dak id-dħul (ara pereżempju: ***B A v. S A*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2022; u ***D G v. B G*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru, 2020).

45. Tant hu hekk li f'waħda minn dawk is-sentenzi, u sewwasew dik fil-kawża fl-ismijiet ta' ***P D v. L D*** mogħtija fl-14 ta' Marzu, 2019, il-Qorti tal-Appell qalet bla tlaqliq, li kwistjonijiet dwar ħabi ta' flus minn xi parti mill-miżżewġin hija *«**irrilevanti**»* għall-għanijiet tad-deċiżjoni dwar jekk il-komunjoni tal-akkwisti għandhiex titwaqqaf wara talba minn xi waħda mill-miżżewġin.

46. Naturalment, ir-raġunament wara dan kollu mhuwiex għaliex il-kwistjoni ta' ħabi ta' flus minn xi parti mill-miżżewġin hija ta' importanza ċkejkna jew inkella għaliex din il-kwistjoni ma tteħditx bis-serjetà li jistħoqqilha mill-Qrati tagħna, iżda proprju għaliex, fiha nfisha, id-deċiżjoni dwar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, tirreferi biss għall-futur. Għalhekk il-kwistjoni tal-ħabi tal-flus la tista' żżid u wisq inqas tnaqqas minn dak kollu li jkun laħaq daħal fil-qoffa tal-komunjoni tal-akkwisti bis-saħħa tal-liġi, sad-data li fiha tingħata l-ordni dwar il-waqfien tal-komunjoni (ara ***R M v. J M*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju, 2024 u ***E S v. C S*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ottubru, 2019).

47. Ta' min ifakkar li l-liġi stess fl-**Artikolu 1320(a) tal-Kodiċi Ċivili**, tagħmilha ċara li: *«dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom»* jidħol awtomatikament fil-komunjoni tal-akkwisti. Ifisser b'hekk, li dikjarati jew mhumiex, kull flejjes li kull wieħed mill-miżżewġin jikseb bis-saħħa ta' ħidmietu, jidħlu mal-ewwel fl-attiv tal-komunjoni, u dan irrispettivament minn jekk il-parti l-oħra fi żwieġ tkunx taf jew le bl-eżistenza jew bil-konsistenza ta' dawk il-flejjes.

48. Sew jekk il-komunjoni tinżamm fis-seħħ, kif ukoll anke jekk titwaqqaf, huwa biss fil-kawża tal-firda personali li l-parti li tkun qiegħda tallega l-eżistenza ta' flejjes moħbija jew inkella mhux dikjarati, għandha tressaq il-provi dwar l-eżistenza u l-konsistenza tagħhom.

49. Fi kliem ieħor, anke jekk titwaqqaf il-komunjoni, il-parti li tkun qiegħda toġġezzjona għall-waqfien tal-komunjoni xorta waħda jifdlilha l-opportunità li tressaq il-provi dwar il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni sad-data tal-waqfien tagħha, sakemm il-provi tagħha jibqgħu miftuħa (ara ***B G v. R G*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2024 u ***R M v. J M*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2024).

50. Ġaladarba din hija kwistjoni ta' provi, iż-żamma fis-seħħ tal-komunjoni ma tista' tkun għalhekk tal-ebda benefiċċju għal dik il-parti li tkun qiegħda tallega l-eżistenza ta' flejjes moħbija jew inkella mhux dikjarati, sabiex tipprova l-eżistenza jew il-konsistenza tagħhom (ara ***D G v. B G*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-25 ta' Novembru 2020).

51. L-istess jgħodd meta l-parti li toġġezzjona għall-waqfien tal-komunjoni fuq ir-raġuni li l-parti l-oħra tkun ħbiet minnha xi flejjes, tkun għalqet il-provi tagħha fil-kawża tal-firda personali, jew inkella waslet biex tagħlaqhom.

52. Huwa sewwasew minħabba dawn ir-raġunijiet kollha, li fid-deċiżjoni dwar il-waqfien tal-komunjoni, il-Qorti m'għandhiex bħala regola tikkonkludi, li parti fiż-żwieġ sejra tkun qiegħda tbati preġudizzju mhux sproporzjonat, fuq l-ilment li jkunu ġew moħbija minnha xi flejjes jew inkella għaliex il-parti l-oħra ma tkunx iddikjarat id-dħul kollu li kisbet bis-

saħħa ta' ħidmietha.

53. Issa, fil-każ tal-lum l-Ewwel Qorti stess għarrfet: *«illi essenzjalment l-oġġezzjoni tal-attriċi fir-rigward l-waqfien o meno tal-komunjoni tal-akkwisti tirrigwarda d-dħul tal-intimat żewġha bejn il-perjodu 2016 u 2022 li skont l-attriċi ġie mistur minnha mill-intimat u li l-prezzijiet attribwiti mill-intimat għax-xogħlijiet magħmula minnu huma irriżorji.»*

54. Din l-osservazzjoni hija tajba, u mhux biss tista' tinstilet mit-trattazzjoni tal-avukat tal-attriċi li rriferiet għaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata (f'paġni 46 sa 52 tal-atti ta' dawn il-proċeduri), iżda fuq kollox hija sostnuta bix-xhieda tal-attriċi tat-2 ta' Frar, 2023, li fiha hija fissret x'inhuma dawk ir-raġunijiet li għalihom mhijiex qiegħda taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnha u l-konvenut għandha titwaqqaf (ara x-xhieda tal-attriċi f'paġni 1017 sa 1018 tal-atti tal-kawża tal-firda personali).

55. Kif tifhimha din il-Qorti, ġaladarba li l-Ewwel Qorti stess għarrfet li l-oġġezzjoni tal-attriċi dwar il-waqfien tal-komunjoni hija msejsa fuq ir-raġunijiet li l-konvenut appellant għamel bosta snin jaħbi l-flus minnha, fosthom billi ma tħallasx għal tliet snin xogħol, kif ukoll iddikjara dħul aktar baxx milli allegatament huwa daħħal, dik il-Qorti kellha, fid-dawl tal-prinċipji hawn fuq riferuti, twarrab l-oġġezzjoni tal-attriċi u mhux tiċħad it-

talba tal-konvenut.

56. Kif ingħad iktar kmieni, l-ordni dwar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma hija sejra tnaqqas xejn mill-jedd tal-attriċi għal sehemha fuq dak kollu li laħaq daħal fil-komunjoni, sew jekk muri kif ukoll moħbi. Hekk ukoll, anke f'każ li l-konvenut baqagħlu jiġbor xi flus mingħand terzi, dak il-jedd ta' kreditu, jekk għadu dovut, xorta waħda sejjer jibqa' jifforma parti mill-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti, u għaldaqstant mal-likwidazzjoni tal-komunjoni, l-attriċi sejra wkoll ikollha sehem minnu, dejjem jekk tipprova l-eżistenza tiegħu skont il-liġi. Bl-istess mod, u għall-istess raġunijiet, jekk il-konvenut tassew irċieva xi flejjes minn taħt, l-attriċi xorta waħda sejra jkollha jedd għal nofshom, b'riħet l-**Artikolu 1333 tal-Kodiċi Ċivili**.

57. Ir-raġunijiet li għalihom l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba għall-waqfien tal-komunjoni ma setgħux għalhekk jitqiesu li huma oġġettivament rilevanti għall-għanijiet tal-istħarriġ li għandu jitwettaq skont l-**Artikolu 55(4) tal-Kodiċi Ċivili**. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti ma setgħetx għalhekk raġonevolment tikkonkludi li l-waqfien tal-komunjoni sejjer ikun qiegħed iġib preġudizzju mhux proporzjonat fuq l-attriċi.

58. Għall-istess raġunijiet li għadhom kif jissemmew, din il-Qorti, lanqas ma tara li l-attriċi għandha raġun fl-argument li jekk titwaqqaf il-komunjoni, hija sejra ġġarrab preġudizzju mhux proporzjonat għaliex il-

konvenut jista' jikseb proprjetà parafernali bil-flejjes moħbija tal-komunjoni li allegatament għandu fil-pussess tiegħu.

59. Jagħmel x'jagħmel il-konvenut, dawk il-flejjes, xorta waħda sejrin jibqgħu tal-komunjoni, u għaldaqstant hija xorta waħda sejra jifdlilha sehem minnhom sakemm hija jirnexxilha tipprova l-eżistenza u l-konsistenza tagħhom. Naturalment, jaqa' mbagħad fuq spallejha li timxi bl-għaqal u ddur għal-mezzi kollha li toffrilha l-liġi sabiex tħares l-interessi kollha tagħha u ta' sehemha mill-attiv tal-komunjoni (ara f'dan is-sens ***R A v. A A*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Diċembru, 2019).

60. Billi għalhekk l-attriċi bħala dik il-parti li qiegħda tallega li sejra tbati preġudizzju sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni, ma rnexxilhiex issejjes l-oġġezzjoni tagħha fuq raġunijiet li huma oġġettivament rilevanti għall-għanijiet tar-**raba' subinċiż tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Ċivili**, din il-Qorti jidhrilha li t-tieni aggravju tal-konvenut E B huwa mistħoqq u għaldaqstant, minbarra li sejra tkun qiegħda tħassar is-sentenza appellata, sejra wkoll tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-istess konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li hemm fis-seħħ bejnu u bejn l-attriċi.

61. Minkejja dan, u sa fejn għandu x'jaqsam biss dwar il-kap tal-ispejjeż, din il-Qorti ma tarax però li għandha tilqa' t-talba tal-konvenut sabiex l-attriċi tbati l-ispejjeż kollha tal-proċedura ta' quddiem l-Ewwel

Qorti, kif ukoll dawk ta' dawn l-appell.

62. L-ewwel nett, dwar l-ispejjeż tal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti rriżervat l-ispejjeż ġudizzjarji għas-sentenza finali fil-kawża ta' firda personali. Ma kien hemm għalhekk l-ebda deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż, u għaldaqstant ma kien hemm xejn x'jiġi appellat. F'kull każ, il-Qorti wkoll jidhrilha li l-Ewwel Qorti mxiet bil-għaqal għaliex ġeneralment hija dik il-parti li tinsab ħatja għall-firda li jkun jistħoqqilha tbati dawk l-ispejjeż.

63. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż b'rabta ma' dan l-appell, din il-Qorti jidhrilha li jkun biss xieraq li dawn l-ispejjeż għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Kif rajna, miż-żewġ aggravji ta' E B, huwa biss it-tieni wieħed li huwa mistħoqq. Jiġi b'hekk li kull parti kienet telliefa f'xi punt f'dan l-appell, u għaldaqstant bis-setgħat mogħtija bl-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti sejra tkun qiegħda tordna lill-partijiet sabiex iħallsu bejniethom u b'mod indaqs l-ispejjeż kollha b'rabta ma' din il-proċedura tal-appell.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda ***tilqa' f'parti minnu*** l-appell tal-konvenut E B, u għalhekk filwaqt li qiegħda

tħassar is-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet ta' E B kif imressqa fir-rikors tat-2 ta' Novembru, 2021, u dan billi: (i) tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet u dan fit-termini tal-**Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili**; (ii) kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' din is-sentenza, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha skont l-**Artikolu 55(5) tal-Kodiċi Ċivili**.

L-ispejjeż b'rabta mal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża ta' firda personali li hemm għaddejja bħalissa bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjeż b'rabta ma' din il-proċedura tal-appell għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb